# L-Eqdem Banda f'Malta

## Għaqda Każin Banda San Filep
## AD 1851

Fl-aħħar xahrejn tas-sena 2015 fil-gazzetta It-Torċa dehru tliet kitbiet fuq is-suġġett tal-ewwel baned f'pajjiżna. Fil-15 ta' Novembru kiteb is-Sur Pawlu Zammit korrispondent regulari ta' din il-gazzetta fuq materji ta' natura kulturali. Jidher li s-Sur Zammit għamel ir-riċerki tiegħu u f'din il-kitba huwa ddikjara li l-Banda San Filep hija l-eqdem banda fil-gżejjer Maltin mibdija minn Mro Filippo Galea f'Ħaż-Żebbuġ f'nofs is-seklu dsatax. Ftit wara wieġeb is-Sur Henry Camilleri li għamel id-dikjarazzjonijiet li ilu jagħmel għal snin bla ma qatt ressaq dokumenti li jippruvaw dak li ilu jgħid u ċioè li Pietru Pawl Castagna kien qed jirreferi għall-Banda De Rohan meta kiteb fuq il-bidu tal-baned f'Malta. Imbagħad fit-13 ta' Diċembru 2015 kienet ippubblikata risposta mibgħuta mill-PRO tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851, Philip Balzan. Hawn taħt se nġibu din ir-risposta[1]:


***Mro Filippo Galea***

Għażiż Editur,

Nirreferi għall-artiklu ta' Henry Camilleri bit-titlu "L-Ewwel Banda f'Malta Twaqqfet fl-1860" li deher fit-Torċa tad-29 ta' Novembru 2015. Is-Sur Camilleri beda billi nsista li "min jikteb dwarhom irid jissostanza b'dokumenti" meta semma li "l-ewwel baned fil-gżejjer Maltin bdew jidhru fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax". Immedjatament wara hu ddikjara li "l-ewwel banda li twaqqfet f'Malta hija l-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ li twaqqfet minn Indri Borg fl-1860" iżda fl-ebda waqt ma ġab ebda dokument li jissustanzja dan!

Għaliex? Għax iż-żewġ kittieba li semma (Salvatore Ciappara u Pietru Pawl Castagna) ma semmew qatt isem il-banda li rreferew għaliha. L-isem[2] żiedu s-Sur Camilleri. Ciappara u Castagna ma kellhomx għalfejn isemmu isem il-banda għax ma kienx hemm ħlief waħda f'dak iż-żmien u din kienet il-Banda San Filep.

Għall-eżattezza ngħidu li Castagna kiteb li "*L'ewwel Banda Nazionali saret f'Ħaż-Żebbuġ mit-tant imsemmi Vallettan Mastr'Indri Borg fl-1860*". Innutaw l-aġġettiv **Nazionali**. Issa Ħaż-Żebbuġ belt mhux nazzjon. Mela Castagna qed jirrapporta u jirrikonoxxi li bil-ħidma tiegħu Mro Borg ta' dimensjoni nazzjonali lill-banda u li dak li kien għamel qatt ma kien sar qabel. Hija ħaġa minn għawl id-dinja li fi żmien meta l-poplu ma kienx imur skola aħseb u ara kemm kien jitgħallem il-mużika, mhux se twaqqaf '**banda nazzjonali**' f'inqas minn sena mindu tiftaħ skola tal-mużika biex tibda tgħallem nies illiterati. Mela kif seta' jkun dan? Mro Borg kien ilu attiv mal-*Banda San Filippo*, u aktarx f'xi baned oħra li ma nafux x'sar minnhom. Fil-ktieb[3] "Santa Katerina: Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq", miktub minn Anthony Mangion B.D., Lic.D, M.A.(Sheffield), u Karmenu Żerafa ppublikat fl-1989 mis-Soċjetà Mużikali Santa Katerina taż-Żurrieq, f'paġna 152 insibu hekk fuq il-baned f'din il-festa: "Fl-1851 il-banda ta' Indrin (Borg) fiż-Żurrieq kienet tħallset ftit


Introito
1859 10 Febbraio Somma data di San Filippo
Contribuzioni per quindici stromenti nuovi per la Banda di San Filippo
Buone contribuenti

**Lista ta' kontributuri fil-ġabra għal 15-il strument ġdid għall-Banda San Filippo, fl-1859**

aktar minn 29 skud. Imma fis-sentejn ta' wara l-prokuratur Magri kien ħallas lil ċertu Ġużeppi Balzan tal-banda."[4]

Fil-festi li kienu jsiru f'Ħaż-Żebbuġ, l-ewwel darba li niltaqgħu ma' isem ta' banda huwa fir-reġistru "esito straordinario" tal-festa sekondarja tal-Madonna tal-Karità. F'dan ir-reġistru ta' spejjeż li saru għal din il-festa tal-1851 jissemma ħlas għas-servizz tal-*Banda di San Filippo*.[5]

Aktar tard niltaqgħu ma' dokument ieħor. Fl-10 ta' Frar 1859 bdiet ġabra biex jinxtraw ħmistax-il strument ġdid għal din il-*Banda di San Filippo*. Id-dokument huwa lista ta' nies u l-għotjiet li taw. Fost l-ismijiet fil-lista nsibu dawk ta' Filippo u Angelo Galea, Andrea Borg, Gaetano Attard, Michele u Giuseppe Balzan, Antonio Pisani, kollha nies li kellhom konnessjoni ma' din il-banda għax kienu parti minn Soċjetà li ffurmat madwar din il-Banda u li kienet tamministraha. Anke Salvatore Ciappara jissemma f'din il-lista. Tnejn minnhom huma l-istess li ssemmew fl-arkivju tal-Parroċċa taż-Żurrieq.

Xhieda oħra li din il-banda kellha soċjetà tagħha sa minn żmien bikri hija ittra li fit-3 t'April 1864, l-Arċipriet Francesco Borg kiteb "*alla Societa della Banda San Filippo"* biex irodd ħajr għall-għajnuna li din l-għaqda kienet tat biex inġabru flus għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep. Dan il-ġbir kien sar bejn Jannar tal-1860 u l-1864.

Fir-reġistru tal-ħruġ għall-festa ta' San Filep mill-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ insibu ħlasijiet għall-Banda di San Filippo fl-1856 u l-1857 kienu ta' 40 skud u 50 skud rispettivament. Imbagħad fis-snin 1858 sal-1861 jidher Filippo Galea jitħallas għall-banda ammonti li jvarjaw bejn 46 u 48 skud kull sena[6]. Dawn huma aktar mid-doppju ta' dawk li kienu jitħallsu fis-snin ta' qabel l-1851. Mela xi ħaġa kienet inbidlet – u kompliet tinbidel. Il-Banda kompliet tikber peress li fl-1860 inxtraw l-istrumenti ġodda li għalihom inġabru l-flus is-sena ta' qabel. Banda li kienet tal-lokal kibret tant li issa ħadet statura nazzjonali. Kien Andrea Borg li ġabha f'dan l-istat wara li bena fuq dak li sab. Bir-raġun jidher li Andrea kien l-aktar prominenti, imma madwaru u miegħu kellu oħrajn kapaċi bħal Gaetano Attard.


Alla Soc. della Banda San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa Società durante la raccolta per la Statua Artistica d'Argento di San Filippo.
Arc. Sac. Francesco Borg.
ST. PHILIP BAND CLUB A.D 1851 ZEBBUG
3 Aprile 1864

**L-ittra tal-Arċipriet Borg fl-1864**

Interessanti d-dokument li juri li f'April tal-1870, il-Konfraternità ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ inkarigat lill-Banda San Filippo biex tagħmel tliet servizzi mużikali għall-okkazjoni tal-wasla tal-istatwa ta' San Ġużepp[7]. Id-direttur tal-banda dak iż-żmien kien Giuseppe Borg, iben il-famuż Andrea



*Mro Indri Borg*

Borg. Li kieku Castagna u Ciappara riedu jgħidulna li kienu qed jirreferu għal xi banda oħra tal-post, ġdida u distinta minn dik li ġo Ħaż-Żebbuġ kienet diġà magħrufa bħala ***Banda di San Filippo*** wieħed jippretendi li kienu jsemmu isimha biex hekk tingħaraf. Jekk wieħed jgħid li ddistingwewha bis-surmast tagħha (Indri Borg) u bil-lokal (Ħaż-Żebbuġ), allura l-provi jippuntaw lejn il-***Banda di San Filippo*** għaliex skont id-dokumenti msemmija Indri Borg kien diġà assoċjat magħha u mill-1861 beda jitħallas f'isem din il-banda.

Teżisti wkoll xhieda qawwija ta' ċirkustanzi u ta' tradizzjoni popolari li jsaħħu dak li jgħidu d-dokumenti. Sa żmien it-tieni gwerra dinjija kien fatt aċċettat miż-Żebbuġin kollha (inklużi l-partitarji tal-Banda De Rohan ) li l-Banda San Filep kienet l-ewwel banda f'Ħaż-Żebbuġ. Dan joħroġ minn intervisti li taw madwar sittin sena ilu, xjuħ Żebbuġin[8], kif ukoll minn xi tqabbil li l-istess partitarji tal-Banda De Rohan kienu jkantaw, biex jinku lil dawk tal-Banda San Filep. Żewġ taqlibiet li kienu jgħidu l-partitarji tal-Banda De Rohan magħrufin bħala tal-ajkla:

"Tal-Istilla l-ewwel banda,
Minn tal-Ajkla milħuqin,
Fl-armar l-ajklieri l-aqwa,
B'nies tas-sengħa miżgħudin"

U taqbila oħra fuq is-Surmast Andrea Borg li kien għama:
"il-ħanżira kellha tnax,
Wieħed għama ma redax"

Din tal-aħħar hija kkwotata minn Dr Mariella Attard f'paġna 62 tal-ktieb tagħha, 'Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep' mitbugħ fl-1985, u tkompli tfisser li t-tnax jirreferi għall-jum liturġiku ta' San Filep u l-għama kien propju Indri Borg. Dan juri ċar li l-istess partitarji tal-Banda De Rohan kienu jassoċjaw lil Indri Borg mal-Banda San Filep. Dan il-kliem daqstant degradanati llum iwettaq ġustizzja storika, għaliex min se jgħid hekk jekk mhux fil-konfront ta' xi avversarju li m'għandu xejn x'jaqsam miegħu?

F'paġna 97 tal-istess ktieb, Dr Mariella Attard ikkwotat lil Filippu Azzopardi (li twieled fid-9 ta' Ottubru 1886, kien attiv ħafna fil-ħajja soċjali ta' Ħaż-Żebbuġ u li miet ta' 101) jgħidilha hekk: '**jien niftakar każin wieħed, banda waħda ('di San Filippo')**'.

Is-Sur Camilleri jsemmi *ħarġiet* ta' gazzetti li f'diversi dati bejn l-1865 u l-1879 semmew il-banda fil-festa ta' *Ħaż-Żebbuġ* u jagħti 'l wieħed x'jifhem li dawn kienu qed jirreferu għall-Banda De Rohan. Fil-fatt dawk kienu qed jgħidu biss għall-banda li kien hawn f'*Ħaż-Żebbuġ* dak iż-*żmien* u ma semmewhiex b'isimha. Kif rajna dak iż-*żmien* kien hemm il-Banda San Filippo.

Meta jiddikjara li l-Banda San Filep twaqqfet fl-1889 is-Sur Camilleri jaf li qed iqarraq. Għalkemm ilu attiv f'din il-polemika tal-bidu tal-baned f'*Ħaż-Żebbuġ* sa mill-1959, kien biss minn xi tliet snin 'l hawn li *ħareġ* b'din il-*ħrafa ġdida* għax skopra *ż-żewġ* inserzjonijiet tal-1889 li *ġab* kopja tagħhom. Għalkemm l-ispjegazzjoni diġà tajnihielu bnadi oħra jidher li jrid jibqa' jħawwad l-imħuħ[9]. Huwa konvenjenti għas-Sur Camilleri li ma jagħtix

każ l-ismijiet sħaħ tal-baned li kien hawn f'Ħaż-Żebbuġ f'dawk is-snin għax jixtieq jemmen li sa dik is-sena kien hemm biss il-Banda De Rohan. Filwaqt li fil-ħarġa tal-11 t'April 1889 il-gazzetta MALTA ħabbret li s-"Società Filarmonica San Filippo della Citta Rohan" kienet se tagħmel programm mużikali l-Ħadd ta' wara. Fit-tieni kitba fil-ħarġa tat-23 t'April 1889, irrapportat illi l-Ħadd 14 t'April 1889 daqqet għall-ewwel darba "la Società Filarmonica del Casino San Filippo". Kif tixhed il-Guida Generali tal-1893, fil-bidu tas-snin disgħin kienu jeżistu żewġ baned bl-ismijiet:

1. *"**Società Filarmonica Rohan***, Żebbuġ – Scuola, Strada Reale, 72, 73, 74. A questa Scuola è unito **il Casino San Filippo** *sotto la direzione di un comitato. Presidente, Vincenzo Zammit Camilleri, Direttore, Lorenzo Gatt*." u
2. "***Società Filarmonica S. Filippo Indipendente***, *Żebbuġ-273, 274 Strada Reale. A questa Scuola è unito un Casino sotto la direzione di un comitato*. Associazone trim 2s.2d. Presidente, Gavino Naudi, Direttore, Giacchino Galea.

Kemm dak iż-żmien isem il-Banda San Filep tal-lum kien *Società Filarmonica S. Filippo Indipendente*[10], ikompli jikkonfermah il-ħlas ta' £2.50s li sar fl-1890 minn Dun Pawl Saydon lill-kaxxier Gawdenzio Agius għall-banda tal-"*Casino Indipendente S. Filippo del Zebbug"* li daqqet nhar il-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq[11].

L-avviż li jġib id-data tas-6 t'Ottubru 1882 iffirmat minn Carmelo Zammit, president tal-Filarmonica San Filippo li qed inġibu tkompli turi kemm mhux minnu dak li sostna s-Sur Camilleri ċioè li din il-banda ma kinitx teżisti qabel l-1889.

Minn dan jidher li s-*Società Filarmonica del Casino San Filippo* hija propju dik li llum hija l-Banda De Rohan. Dan ifisser illi l-iskoperta ġdida tas-Sur Camilleri tikkonferma l-bidu formali tal-Banda De Rohan. Għax wara kollox għalkemm l-apoloġisti ta' din il-banda jsostnu li fl-1892 is-Surmast Lorenzo Gatt ħa t-tmexxija tal-banda minn idejn Mikiel Anġ Debono li kien imexxi l-Banda del Żebbuġ huwa magħruf li dan mhux il-mod kif saru l-affarijiet. Il-Banda del Żebbuġ żarmat għalkollox u l-istrumenti tagħha tpoġġew f'dar privata, numru 222-223 fi Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ[12]. Dan jorbot ukoll mal-fatt li ftit wara l-bidu tagħha, fl-1892 il-Banda De Rohan talbet biex tibda tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ u biex setgħet tagħmel dan sar ftehim mal-Banda San Filep (li kien ilha tieħu sehem waħedha) li aċċettat li minn dakinhar 'il quddiem tibda talterna mal-Banda De Rohan kif għadu jsir sal-lum[13].

Fuq Filippo Galea, is-Sur Camilleri ddikjara li fl-1848 dan il-ġuvnott mużiċist "ta' 18-il sena baħħar ma' missieru lejn Korfu u ma ċċaqlaqx minn hemm sal-1853 għajr għall-żjara qasira f'Malta biex jiżżewweġ" fis-6 ta' Novembru 1851. Mela Filippo minn Ħaż-Żebbuġ ta' 18 siefer u ta' 21 sena żżewweġ tfajla mill-Isla bla ma qatt ġie Malta tul dawk it-tliet snin biex isir jaf lill-mara futura tiegħu. Jekk tibqa'



In-Nota tghid hekk:
6 D'Ottobre 1882
Avviso d'importanza
Numero 78
Ai bandisti e soci
*Decido di scrivere per sostenimento* di permesso per un programma Musicale della Filarmonica San Filippo avanti la chiesa arcipretale di San Filippo la prima domenica di Dicembre 1882 alle 15.30.
Attenzione ai bandisti per i concerti susseguenti.
Carm Zammit
Presidente
Per la Filarmonica San Filippo

ssegwi l-argument kif is-Sur Camilleri jippreżenta d-dati tas-safar issibha diffiċli kif dan Filippo kellu erbat ulied li twieldu u tgħammdu f'Bormla fis-snin 1854, 1855, 1858 u 1865[14]. Huwa ovvju li r-reġimenti li kien impjegat magħhom kienu jiċċaqilqu minn pajjiż għall-ieħor u li meta kien ikun viċin Malta kien ikollu l-opportunità li jiġi Malta u jaqdi d-doveri tiegħu kollha!!

Mro. Filippu Galea kien meqjus bħala mużiċist prodiġju sa minn ċkunitu. Twieled f'familja li tat diversi mużiċisti tajba u bħal missieru kien sar *bandmaster* mal-armata Ingliża u minħabba f'hekk kellu jsiefer fit-tul. Meta ta sehemu fit-twaqqif tal-Banda di San Filippo kien għadu żagħżugħ ta' 21 sena. Kien għadu fil-bidu tal-karriera. Kien aktar tard u speċjalment wara li f'Mejju 1858 ir-reġiment tiegħu telaq minn Malta lejn l-Indja, li l-assenzi tiegħu minn Malta dehru li se jkun fit-tul ħafna, li d-diriġenti l-oħra tal-banda inkarigaw lil Indri Borg li min-naħa tiegħu taha spinta kbira 'l quddiem u kabbar din il-banda u għalhekk kellhom iżidu ħmistax-il strument ġdid fl-1859.

Issemmiet il-bijografija ta' Filippu Galea. Fir-realtà din hija ġabra qasira ta' tagħrif dwar dan is-surmast, miġbur u ppublikat fl-1889 minn bandist-ammiratur li ma weriex ismu u iffirma biss bħala TMS. Fit-titlu tal-ktieb dan l-awtur jippreżenta lis-Surmast Galea bħala 'Direttore della Filarmonica Nazionale HRH The Prince of Wales'. TMS jiddikjara li se jġib biss il-punti prinċipali tal-karriera twila ta' Mro Galea u jidher ċar li ibbaża ħafna fuq korrispondenza li sab u li titfa' dawl fuq il-kapaċitajiet ta' Mro. Galea. Jgħidilna pereżempju li tul karriera ta' aktar minn erbgħin sena Mro. Galea għaqqad aktar minn 52 banda, li fil-parti l-kbira ħafna kienu baned militari Ingliżi. Naturalment l-awtur ma sab ebda korrispondenza dwar il-*Banda di San Filippo* għax ma kienx hemm. Peress li din il-

BONA Garage



Truck & Pickup Body Builder
in aluminium & metal works
Panel Beater - Sprayer







Elton Bartolo
141/3, Triq Dun Luret Callus
Żebbuġ ŻBĠ 2494
Tel: 2146 0053
Fax: 2146 2382
Mob: 7909 4771
Email: bonakin12@gmail.com

RACHEL ZAMMIT BARTOLO
Mob. 99884367
is a Tied Insurance Intermediary for England Insurance Agency Ltd. as Agents for Middlesea Insurance plc.

banda Filippo kien iffurmaha erbgħin sena qabel flimkien ma' oħrajn li kienu jieħdu ħsiebha daqsu jew aktar minħabba s-safar tiegħu, probabbli li Filippu ta' bniedem umli li kien, ma kienx jippretendiha tal-fundatur tagħha. F'dil-kitba tiegħu TMS mkien ma pretenda li għamel xi ġabra komprensiva, dwar ħajjet Filippu Galea.

Għadd numeruż ta' bandisti tal-Banda San Filep flimkien mas-Surmast Direttur Alessandro Agius akkumpanjaw fil-funeral ta' Mro Filippo Galea li miet fl-10 ta' Ġunju 1901. Dan juri li din il-banda baqgħet tirrikonoxxi l-kontribut bikri ta' dan is-surmast anke jekk fil-frattemp kien nqalgħu firdiet li begħduh minnha. Fil-minuti tas-seduta tal-kumitat tal-25 ta' Ġunju 1901 il-President Angelo Chircop kien irrapporta li l-armla ta' Filippo kienet raddet ħajr lill-Societa Filarmonica San Filippo għal dan.

Fis-sajf tal-1959 fil-gazzetta 'Il-Berqa' kien hemm korrispondenza twila dwar dan is-suġġett. Meta s-Sur (illum Mro) Henry Camilleri kien allega li l-Banda De Rohan kienet imwaqqfa fl-1860 minn Indri Borg, mill-ewwel sab min jirribattih bis-saħħa u bil-fatti. F'dik il-korrispondenza kien kiteb ukoll is-Sur Robert Mifsud Bonnici, studjuż, riċerkatur u kittieb dwar mużiċisti Maltin li żgur kien indipendenti f'dil-kwistjoni. Dan hu li kiteb fl-1959 is-Sur Robbie Mifsud Bonnici dwar is-Soċjetà De Rohan.

"Jiena kont u għadni tal-fehma li l-Banda De Rohan hi mnissla mill-famuż Surmast Anġlu Galea, mid-dokumenti iffirmat minn Tanti li kien President tal-Banda De Rohan u quddiem il-kumitat tal-istess banda stqarr li l-Banda De Rohan tagħraf b'missierha lis-Sur Anġ wara li qabel għamel l-ikbar eloġju mistħoqq tassew lilu. Tanti miet fl-1934 meta s-Sur Camilleri kien għadu ma twelidx. Dan id-dokument kien ġie mogħti lili mill-mejjet president, is-Sur David Camilleri, u jien raddejtu lill-president waqt laqgħa ta' deputazzjoni fid-dar tiegħi".

F'korrispondenza li Robert Mifsud Bonnici bagħat lill-Banda San Filep fil-21 ta' Awwissu 1961, huwa temm hekk: 'Inselli għalikom. Alla jseddaqkom bil-barka tiegħu fi djarkom, u fiċ-Ċirkolu Filarmoniku St Philip, l-aktar anzjan f'Malta u Għawdex'.

Dan kollu s-Sur Camilleri ilu jafu għax kollu *ġie* ppublikat aktar minn darba f'*ġurnali* u fil-kotba tal-festa ta' San Filep. Imma jippersisti li jikkunsidra biss dak li jgħoġbu biex jagħti l-interpretazzjoni li jrid hu, *ċioè* dik li beda biha l-kitba tiegħu fit-Torċa tal-20 ta' Novembru. S'issa ma nġabet ebda dokumentazzjoni li torbot lill-Banda De Rohan ma' dik li semmew Castagna u Ciappara filwaqt illi d-dokumenti li għadhom jeżistu jikkonfermaw u jsaħħu t-tagħrif li wasal bil-fomm u li ngħata f'intervisti ma' nies xjuħ aktar minn sittin sena ilu kif ukoll it-tradizzjoni popolari f'*Ħaż-Żebbuġ*, *ċioè* li l-Banda San Filep kienet l-ewwel waħda.

Nittama li dil-kitba tiċċara dan l-argument u tneħħi d-dubji li setgħu daħlu fl-imħuħ tal-qarrejja tal-paġna tiegħek.

**Riferenzi**

1 Uħud min-notamenti qed jiżdiedu issa u ma kinux fir-riposta stampata fIt-"Torċa".

2 Banda De Rohan.

3 F'artiklu ta' J Galea ippublikat fis-Sunday Times of Malta tal-31 ta' Mejju 1953 deher ritratt ta' inċisjoni li turi palk sabiħ u elaborat li fuqu qaddet banda fi Pjazza Tesoreria (illum Pjazza Regina) fil-Belt Valletta fid-19 ta' Diċembru tal-1847 fl-okkażjoni tal-ħatra tal-Gvernatur Richard More O'Farrell li kien Kattoliku. Fuq il-bandisti r-rapport jgħid: "All wore 'la coccarda bianca e rosa' the Maltese colours, in their button holes." Robert Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu fuq mużiċisti Maltin wkoll isemmi din il-banda u jirrimarka li ħadd ma jaf x'sar minn din il-banda.

4 Ir-riferenza ta' dan it-tagħrif hija għar-reġistru fl-Arkivju tal-Parroċċa taż-Żurrieq, Libro Esito della Ven.da Lampada.

[5] Hawnhekk insibu li tħalsset somma waħda lil persuna jew entita waħda. Dan ifisser li diġa kien hemm xi ħadd qiegħed jieħu ħsieb l-ispejjeż u l-ħlasijiet f'isem formazzjoni ta' bandisti, fi ftit kliem ieħor banda organizzata.

[6] Fil-kitba tas-Sur Camilleri dawn il-ħlasijiet ma jissemmewx u minflok isemmi biss ħlasijiet li jidhru fir-Reġistru tal-Fratellanza tas-Sagrament u jgħid li "mill-1851 sal-1855 tħallsu 6 skudi u 8 tari għad-daqq nhar San Filep li jfisser li dan id-daqq kien provdut minn grupp ta' ħames daqqaqa..". L-argument tiegħu huwa li għadd għir ta' bandisti ma jissejjaħx banda. L-ewwelnett in-numru ta' ħames bandisti huwa arbitrarju. Aktar importanti minn huwa l-fatt illi l-banda tissemma b'isimha, xi ħaġa ġdida u li dan l-isem żammitu sal-lum u kienet organizzata b'mod li kellha kontinwità. Huwa ovvju li fil-bidu ħadd ma jkun kbir mill-ewwel. Barra minnhekk banda ġdida tkun għad trid tiġi aċċettata. Il-fundatur tagħha kien għadu żagħżugħ ta' 21 sena li mhux bilfors kien miġjub minn kulħadd fir-raħal. Missieru, l-mużiċist Angelo, għalkemm stabbilit kien sab ħafna oppożizzjoni fir-raħal meta xtaq imexxi l-mużika tal-festa ta' San Filep fil-knisja tant li tneħħa ftit xhur wara li nħatar. Għalhekk il-ħlasijiet ma tistax tippretendi li jkunu kbar mill-ewwel, l-aktar meta jkun għad hemm il-possibiltà li l-prokuraturi tal-festi jqabbdu għadd ta' bandisti 'ndipendenti' kif soltu kienu jagħmlu bi ħlas baxx. Ara meta wara ftit snin din il-banda stabbiliet ruħha u wieħed jaħseb illi l-aħjar bandisti li kien hemm kienu ingħaqdu magħha, allura l-ħlas kiber sewwa, tant illi fil-festa tal-Karità minn 2.8.8Skudi fl-1851 tela għal 13-il skud fl-1854 u amm dak il-livell fis-snin ta' wara.

[7] Id-dokument jgħid hekk: "*Aprile 1870 – Il giuoco d'artificio e la Banda di San Filippo diretta dal Mro Giuseppe Borg nella serata della festa di San Giuseppe e altri due servizzi si fece per contribuzione alla confraternità di San Giuseppe*". Dak iż-żmien il-festa ta' San Ġużepp kienet issir f'April skont kif kienet taħbat il-festa tal-Għid il-Kbir.

[8] Fosthom Filippu Azzopardi (Ta Xandru), Ġużeppi Micallef, Gawdenz Tanti, Kalċidon Mallia, nies li kellhom min lil missieru, min lill-nannuh jew zijuh fil-kumitat jew bandisti bikrin tal-*Banda San Filippo*.

[9] Fil-ktieb: "Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" mitbugħ fl-2001, f'paġna 42 u f'diversi edizzjonijiet tal-ktien annwali tal-festa ta' San Filep maħruġ mill-Għaqda Każin Banda San Filep.

[10] Bejn l-1880 u l-1890, bil-ħidma tal-president tagħha Gavino Naudi, l-*Filarmonica San Filippo* għamlet riforma sħiħa interna. L-isem tal-għaqda beda jidher bħala "*Filarmonica San Filippo – Casino Indipendente"*. Dan biex juri li t-tmexxija kienet issa mifruxa fuq żewġ kumitati: wieħed imexxi l-każin u ieħor il-banda. It-tnejn li huma kellhom il-president, segretarju u kaxxier. Din is-sistema ta' tmexxija minn żewġ kumitati damet sas-sena 1921. Fis-snin bejn l-1881 u l-1890 il-*Filarmonica San Filippo* ma tidhirx titħallas għad-daqq tagħha fil-festa ta' San Filep iżda xorta waħda kienet tagħmel parti mill-Kumitat tal-Festa flimkien mal-membri tal-kleru. Barra minhekk s-Soċjeta kienet tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonijiet fil-parooċċa arċipretali. Dan jidher mill-kotba tal-kaxxier tal-Każin San Filep. Kienet il-*Filarmonica San Filippo* li tiftaħ il-festa.
Fid-diskors tiegħu nhar il-11 ta' Mejju 1961 Dr Joseph Borg qal hekk b'riferenza għas-snin 1880-1890: "Il-bandisti ta' dak iż-żmien allura m'għadhomx jeżistu, imma s-Sur Paolo Chircop li kien tifel kantant u jidher fit-tarf tar-ritratt għadu fostna u jiftakar tajjeb l-okkażjoni tar-ritratt, lill-bandisti, lil Gavino Naudi, l-president tal-Casino Indipendente u lil Carmelo Zammit, il-president tal- *Filarmonica San Filippo,* u jgħidilnali l-banda allura kienet fil-furja tagħha. Carmelo Zammit kien jiffinanzja l-banda u jlaqqagħha fid-dar tiegħu għall-kunċerti."

[11] Santa Katerina, Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq, p 156.

[12] Il-Berqa, 2 ta' Ġunju 1959, p7.

[13] Din xhedha Filippu Azzopardi li kompla jgħid illi dakinhar hu kien abbati ta' sitt snin u kien tqabbad itella' ħabba minn borża biex ikun deċiż liema banda tibda ddoqq fil-Ġimgħa l-Kbira bis-sitema tal-alternanza. Ix-xorti ffavoriet lil-Banda San Filep.

[14] reġistri tal-mgħamudija tal-Parroċċa ta' Bormla

## Kumment mill-Kumitat Ċentrali

Peress illi sena wara l-oħra qed isiru kitbiet b'argumenti ripetuti fuq il-bidu tal-baned f'Ħaż-Żebbuġ, il-kumitat jidhirlu li m'għandux għalfejn ikompli jġib kitbiet bħal dawn fil-ktieb tal-festa ta' kull sena. Il-ħsieb kien illi wara l-artiklu ta' dis-sena nieqfu għax jidhrilna li l-argument saru aktar minn darba miż-żewġ naħat. Aħna jidhrilna li ressaqna biżżejjed provi u argumenti li jippruvaw it-teżi tagħna.

Meta l-ktieb tal-festa kien diġà finalizzat, il-kumitat kien infurmat illi Mro Henry Camilleri bagħat ittra indirizzata lil ex-PRO tal-Għaqda fejn għamel diversi allegazzjonijiet u konklużjonijiet li mad-daqqa t'għajn jidhru żbaljati. Talab risposti anke fejn dawn ir-risposti konna tajnihom. Mhix l-intenzjoni tal-kumitat li jtawwal bla bżonn din il-kontroversja ġor-raħal.